# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa**
**Ħamsa (5) ta' April 2024**

**Rikors Numru 1131/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**BNF Bank plc ġja` Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

**vs.**

**Dr Daniel Attard u PL Veronica Rossignaud bħala kuraturi deputati kif appuntati permezz ta' Digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti nhar l-20 t'April 2021 u dan biex jirrappreżentaw l-interessi ta' Max u Angelina Hansen K.I. numri 75708A u 70539A rispettivament**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 29 ta' Novembru 2022, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet s-segwenti:

   1. *Illi l-kumpannija esponenti hi Bank kummerċjali liċenzjat taħt il-Liġijiet ta' Malta biex fost l-oħrajn issellef flus lill-klijenti tagħha;*

   2. *Illi l-intimati huma klijenti tal-kumpanija esponenti u ħadu minn għandha, flimkien u solidalment bejniethom, self li jikkonsisti f'House Loan ta' tlieta u ħamsin elf u sitt mitt Euro (€53,600) (jikkonċerna l-Account numru 316334 71 001) u dan permezz ta' credit agreement datat 2 ta' Jannar 2013 u kuntratt pubbliku datat 13 ta' Ġunju 2013 in atti tan-Nutar Dr Anthony Abela (ara Dok. 'B' u Dok. 'C' rispettivament) u dan biex jiffinanzjaw l-akkwist ta' propjeta mmobbli skond kif jingħad fi klawsola 2 ta' l-imsemmi Dok. 'B';*

3. *Illi l-intimati naqsu milli jħallsu lura dan is-self u l-bilanċ dovut minnhom hu ta' sitta u erbgħin elf, erba' mija u sebgħa u disgħin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€46,497.45) u sal-14 ta' Lulju 2022, kien jinkludi mgħaxijiet t'erbat elef, sebgħa u għoxrin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€4,027.36) (ara statement Bankarju markat Dok. 'D');*

4. *Illi oltre dan, l-intimati għandhom iħallsu lill-kumpannija esponenti spejjeż Bankarji varji marbuta mad-dejn fuq imsemmi, li jammontaw għal tlett elef u ħames mitt Euro u għoxrin ċenteżmu (€3,500.20) u li Sal-14 ta' Lulju 2022 kienu jinkludu mgħaxijiet ta' Tlettax-il Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€13.56) (ara statement Bankarju markat Dok. 'E'). Dan l-ammont jinsab dovut fuq Current Account numru 316334 10 001 li l-intimati għandhom mal-esponenti (ara account opening form immarkata Dok. 'F');*

5. *Illi in vista tas-suespost, l-ammont dovut mill-intimati lill-kumpannija esponenti sal-14 ta' Lulju 2022, kien ta' disgħa u erbgħin elf, disa' mija u sebgħa u disgħin Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€49,997.65);*

6. *Illi dan l-ammont sar dovut kollu lill-kumpannija esponenti ai termini ta' klawsoli 3, 4 u 14 tal-credit agreement markat Dok. 'B' u kif ukoll dik il-parti mmarkata bl-aħdar fuq kuntratt pubbliku mmarkat Dok. 'C' u dan għax kif stipulat hemmhekk, seħħew waħda jew aktar mill-events of default imsemmija f'dawk l-istess kuntratti, partikolarment, iżda mhux esklussivament:*

> *"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*
> *b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*
> *k. In the opinion of the Bank, a material adverse change in the financial condition of the Borrower/s occurs; or*
> *n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility";*

7. *Illi l-kumpannija esponenti interpellat lill-intimati diversi drabi biex iħallsuha d-dejn, fosthom permezz t'ittra uffiċjali numru 39/2021 datata 6 ta' Jannar 2021 u preżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti (ara Dok. 'G'), iżda dawn baqgħu inadempjenti;*

8. *Illi l-kreditu tal-kumpannija esponenti huwa ċert, likwidu u dovut u l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet esponenti;*

9. *Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi, l-kumpanija esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *taqta' u tiddeċiedi din l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

2. *tiddikjara li l-intimati saru solidalment bejnietom, debituri tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' €49,997.65; u*

3. *tikkundanna lill-intimati solidalment bejnietom iħallsu, lill-kumpannija esponenti l-ammont ta' €49,997.65;*

*Bl-ispejjeż u mgħaxijiet mill-14 ta' Lulju 2022 sad-data tal-pagament effettiv. L-imgħaxijiet qed jintalbu kif ġej:*

*•bir-rata ta' tmienja punt ħamsa (8.5%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq l-Account konċernanti l-House Loan fuq imsemmi, u dan skond kif stipulat fi klawsoli 6 u 14 tal-credit agreement markat Dok. 'B' u l-parti markata bl-oranġjo fuq il-kuntratt pubbliku markat Dok. 'C', u*

*•bir-rata t'għaxra fil-mija (10%) fis-sena in kwantu l-bilanċ dovut fuq il-Current Account fuq imsemmi u dan abbażi tal-General Terms And Conditions u t-Tariff Of Charges relattivi(ara Dok. 'H' u Dok. 'I' u b'mod partikolari l-immarkar bl-aħdar fuq Dok. 'I').*

*L-intimati huma minn issa nġunti għas-subizzjoni u dan b'riżerva għal kull dritt ieħor spettanti lill-kumpannija esponenti fil-konfront tal-istess intimati.*

2. Rat illi fil-25 ta' Mejju 2023, l-intimati kuraturi laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

   *Illi permezz tad-digriet tal-Onorabbli Qorti, Dr. Daniel Attard u P.L. Veronica Rossignaud gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi ta' Max u Angelina Hansen K.I. numri 75708A u 70539A rispettivament;*

   *Illi s-sottoskritt talab lil atturi sabiex jgħaddulu l-kuntatti tal-assenti sabiex ikun jista' jikkomunika magħhom;*

   *Illi fil-mori Max Hansen irrisponda għall-komunikazzjoni mas-sottoskritt;*

   *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

3. Rat l-affidavit ta' Alfred Ferrante, rappreżentant tal-Bank rikorrenti, ippreżentat fl-10 ta' Jannar 2024.

4. Rat in-nota ta' Angelina Hansen, debitament maħlufa minnha fis-26 ta' Frar 2024 u ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti fis-26 ta' Frar 2024, fejn hija ammettiet it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif miġjuba kontra tagħha.

5. Rat illi fis-26 ta' Marzu 2024, is-soċjeta' rikorrenti, abbażi tal-ammissjoni ta' Angelina Hansen, talbet illi l-kawża titħalla għas-sentenza.

6. Rat illi fis-26 ta' Marzu 2024, il-kawża tħalliet għas-sentenza abbażi tal-ammissjoni ta' Angelina Hansen minnha magħmula fis-26 ta' Frar 2024.

7. In vista tal-ammissjoni ta' Angelina Hansen, il-Qorti ma tara ebda raġuni 'l għala t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti ma għandhomx jiġu kkunsidrati favorevolment.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement:

**Tiddikjara** lill-intimati Max u Angelina Hansen, solidalment bejniethom, debituri tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' €49,997.65.

**Tikkundanna** lill-intimati Max u Angelina Hansen, solidalment bejniethom iħallsu lill-kumpannija esponenti l-ammont ta' €49,997.65.

Bl-ispejjeż u mgħaxijiet mill-14 ta' Lulju 2022 sad-data tal-pagament effettiv, kif mitluba fir-rikors promotur.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**